MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru 227/2006

IL-PULIZIJA
SPETTUR DANIEL ZAMMIT
VS
IVAN DEBONO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Ivan Debono, ta' 30 sena, iben Alfred u Antonia nee' Azzopardi, imwieled San Giljan nhar it-23 ta' Marzu 1975, residenti 'Mon Cheri' number '9', Triq Dun Guzepp Calleja, Tarxien, u detentur ta' karta ta' l-identita' numru 186275(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-17 ta' Frar 2006 u fil-jiem u l-gurnata ta' qabel gewwa din il-gzira u f'partijiet ohra ta' dawn il-gzejjer impjega jew ta xoghol lil persuni illi ma kienux persuni ezenti jew li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dak l-impjieg, jew ix-xoghol skond spedizzjonijiet ohra tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar akkuzat talli bhala persuna responsabbli tax-xoghol li kien qed isir gewwa tas-Sliema u inhawi ohra f'Malta mpjega persuni li ma kienux ta' nazzjonalita' Maltija meta dawn il-persuni ma kellhomx permess barra li kienu meqjusa refugjati;

U aktar akkuzat talli, taht l-istess cirkostanzi bhala principal jew il-persuna li timpjega persuni ohra full-time, part-time, jew xorta ohra b'kuntratt li jigu indefiniti jew bi prova, naqas illi jinnotifika lil korporazzjoni tax-xoghol ghal stharrig f'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.5) u ta' l-imputat (a fol 12), sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjonijiet tal-Partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Ispettur Daniel Zammit jirrizulta, a fol.13 xehed illi l-pulizija fis-17 ta' Frar 2006, kienet irceviet telefonata anonima illi f''building site' hdejn l-HSBC tal-Gzira kien hemm persuni ta' nazzjonalita' barranija li kienu qeghdin jahdmu llegalment. Illi ghaldaqstant il-Pulizija accediet fuq il-post in kwistjoni, fejn gie mitkellem certu Domenic Buttigieg, li rriferih ghal 'building site' ohra vicin, u cioe faccata. Il-pulizija dahlu fit-tieni 'building site', u waqt li kienu hemmhekk, xi nies pajesana indikaw lil pulizija illi fil-building site originali hdejn ta' l-HSBC kienu raw xi nies jaqbzu minn fuq il-bjut. Il-Pulizija reghet accediet fis-sit originali u raw tlett minn nies qeghdin jaqbzu minn fuq il-bjut, u li wiehed minnhom kien fuq il-bejt ta' l-HSBC. Dan gie arrestat u l-pulizija sabu illi dan kien minn Georgia, u illi z-zewg persuni l-ohra rnexxielhom jaharbu. Il-Pulizija kompliet it-tfittxija taghha

ghaz-zewg persuni l-ohra, u sussegwentement gew arrestati. Mill-investigazzjonijiet li wettqu, l-Pulizija, u cioe wara li gew mitkellma Emanuel Cortis u Raymond Grixti li kienu responsabbli ghas-siti in kwistjoni, l-Pulizija gew infurmati illi l-kuntratturi kienu taw ix-xoghol ta’ tqeghid tal-madum, lil certu Ivan Debono. Dan gie investigat mill-Pulizija u li rrilaxxa stqarrija Dok.DZ li tinstaghab a fol.16 sa 18 tal-process.

F’din l-istqarrija l-imputat iddikjara illi huwa ghandu l-mistier tat-tqeghied tal-madum u li jahdem ghal rasu u li jiehu x-xoghol minghand hafna nies. Iddikjara wkoll illi huwa kien qed jahdem gewwa blokk il-Gzira hdejn l-HSBC u li kien ikkuntrattah John Aquilina. Ikkonferma illi huwa kellu wiehed Malti li qed jahdem mieghu u li kellu iehor barrani, illi kien gie maqbud mill-Pulizija. Ghal-rigward taz-zewg barranin l-ohra huwa ddikjara li ma kellu x’jaqsam xejn u li seta’ kien gabhom il-barrani mieghu. Huwa stqarr illi haddem lill-barrani wiehed il-ghaliex ma sabx haddiema Maltin sabiex jahdmulu. Huwa kien ihallsu zewg liri (Lm2)-il metru ghal tqeghid tal-madum ta’ l-art u tlett liri (Lm3)-il metru ghal tqeghid ta’ madum tal-hajt. L-imputat stqarr illi dan il-barrani kien ilu jahdem mieghu xi gimgha u li kellmu sabiex jatih ritratt biex japplikalu ghal dan il-permess tax-xoghol.

L-Ufficjal Prosekutur ezebixxa wkoll l-okkorrenza ta’ dan l-incident li tinstaghab a fol. 19 et. seq.

PS 1268 Ivan Caruana a fol.22, ikkonferma x-xhieda ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn indika illi kif telghu fuq il-bejt ta’ l-HSBC kienu sabu lil certu Nutsebize Vebravja, Jugoslav; u xehed illi PC 741 u PC 694 kienu sabu zewg persuni ta’ nazzjonalita’ barranija mill-Georgie u li **kienu qeghdin jahdmu ma’ l-art fuq xi katusa**. PS 1268 Ivan Caruana xehed illi meta talab lil dawn il-barranin ghal ‘work permit’ huma rrisponduh illi lanqas biss kienu jafu bil-htiega ta’ ‘work permit’. PS Ivan Caruana kkonferma l-okkorrenza Dok.DZ1.

PC 694 Michael Borg ikkonferma x-xhieda ta’ PS 1268 Ivan Caruana, kif ghamel PC 175 Roderick Borg a fol.26

Philip Bonnici mill-'Employment and Training Corporation' xehed illi kien ghamel ricerka fuq Ivan Debono, bil-karta ta' l-identita' numru 186275(M) u sab illi dana jahdem bhala self-employed u **li qatt ma talab u qatt ma kiseb xi permess sabiex ihaddem xi barranin mieghu**. Ezebixxa Dok.X illi huwa l-'working history' ta' l-imputat.

L-imputat ghazel li ma jixhidtx u ddikjara li ma kellux provi x'jipproduci.

Ikkonsidrat;

Illi d-difiza sostniet fit-trattazzjoni illi meta jkun hemm persuna li timpjega lil haddiehor ovvjament ghandha certa pizijiet fuqu u hemm formalitajjiet li jrid joqghod ghalihom. Id-difiza pero' irriteniet illi meta si tratta ta' subappalt;

*"Dan ma joqghodx jikteb, huwa l-obbligu ta' l-Istat, illi l-Istat iqis li ma hemmx nies li qeghdin jipprestaw ruhom sabiex jaghmlu dawk ix-xogholijiet gewwa Malta. Jekk l-Istat jippermettu lil nies jipprestaw ruhom ghal dawn ix-xogholijiet, juru li jistghu jahdmu lin-nies bhal klijent tieghi, mhux it-tort tal-klijent tieghi, biex jati subappalt lil xi hadd."*

Con tutto rispetto, d-distinzjonijiet li saru mid-difiza, rigward ta' l-impjieg regolari u mpjieg b'subappalt jiccentra ftit li xejn fil-rigward tar-regolamenti taht il-Kap.217.

Wiehed jista' jimmagina per ezempju li din id-distinzjoni tista' ssir u tista' tkun anke valida, kieku fil-fatt minflok l-imputat, il-Qorti kellha quddiema lil John Aquilina jew lil Manuel Cortis jew lil Raymond Grixti.

Il-Qorti ghandha quddiema pero' lill-imputat Ivan Debono illi fl-istqarrija tieghu afferma bl-iktar mod inekwivoku illi kien hu li haddem lil Nutsebize Vebravja. Illi ghal-rigward taz-zewg barranin l-ohra, din il-Qorti taghraf illi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kas taghha fis-sens illi waqt li l-imputat jghid illi z-zewg barranin l-ohra setghu ngaghbu 'on site' mill-imputat, **u jidher li dawn ma kienux qeghdin jaghmlu xoghol ta' tqeghid ta' madum imma**

**li kienu qeghdin jahdmu fuq xoghol ta' katusi, xoghol illi Ivan Debono ma jaghmilx.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, izda biss fil-konfront ta' imiggrant illegali wiehed imsemmi aktar 'il fuq u wara li rat Artikoli 32(1)(b) tal-Kap.217 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3A sa 10 ta' l-Avviz Legali 110 tan-1993, tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' 1164.69 Euro (ekwivalenti ghal Lm500) li ghandha tithallas b'rati mensieli fi zmien sitt xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------